**30 ta' Novembru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Francis Zammit Dimech, Carmel Cacopardo, Godfrey Vella u Hermann Farrugia in rappresentanza tal-Kunsill ta' l-Istudenti Universitarji u anke personalment

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà ta' l-Espressjoni – *Silent March* – Kummissarju tal-Pulizija**

*Ir-rikorrenti, għaqda ta' studenti, organizzaw 'silent march' li fil-kors tiegħu safa sfrattat. Ir-rikorrenti allegaw li ġie leż fil-konfront tagħhom id-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u laqgħat dawk it-talbiet.*

*Kien id-dmir ta' l-intimat, Kummissarju tal-Pulizija, biex jissorvelja ħa jara li r-rikorrenti setgħu jeżerċitaw id-dritt ta' espressjoni tagħhom mingħajr intralċ. In-nuqqas ta' sorveljanza effettiva da parti ta' l-intimat kienet tammonta għal-leżjoni ta' dak id-dritt.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li

bih ir-rikorrenti esponew;

Illi huma riedu jikkommemoraw il-5 ta' Ottubru, 1979, jum l-Istudenti, permezz ta' demostrazzjoni fil-Belt, Valletta;

Illi għal dan l-iskop huma talbu l-permess tal-Pulizija, u l-protezzjoni tal-Pulizija;

Illi wara li dan il-permess ġie miċħud bil-pretest tas-soltu (li għaqda msieħba mal-Gvern kienet ġà talbet permess għal dimostrazzjoni fl-istess post u l-istess ġurnata) dan il-permess ġie mogħti;

Illi fil-5 ta' Ottubru, billi diversi studenti kienu rċevew minaċċi li kienu ser jaqalgħu xebgħa, l-intimat reġa' ġie mitlub għat-tieni darba, bil-miktub, biex jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa;

Illi fil-għaxija, l-esponenti ġew informati li numru ta' nies, fosthomm xi wħud magħrufin għall-vjolenza politika, kienu qegħdin jinġabru quddiem il-Każin Laburisti ta' Triq ir-Repubbklika. L-intimat ġie informat għat-tielet darba;

Illi minħabba dan, l-esponent talab lill-istudenti biex ibiddlu d-dimostrazzjoni f'***Silent March,*** biex ma jgħajtux bl-ebda *slogan,* ħalli ħadd ma jista' jgħid li ħassu 'pprovokat';

Illi meta d-dimostrazzjoni bdiet, l-intimat qiegħed numru insinifikanti ta' pulizija **quddiem** l-istudenti, u xi karozzi tal-pulizija wara d-dimostranti;

Illi meta d-dimostrazzjoni waslet ħdejn il-Mużew

Nazzjonali, in-nies li kienu miġburin quddiem il-*Labour Party Club* bdew jiftgħu l-bajd fuq l-istudenti. L-istudenti ppruvaw ikomplu jimxu 'l quddiem imma dawk l-istess nies li kienu taħt il-Każin tal-*Labour* ġew bil-ġiri fuq id-dimostranti, qattgħulhom il-*banners* u l-*posters,* u bdew jagħtuhom bil-ponn u bis-sieq;

Illi ebda pulizija ma ċċaqlaq. Ebda pulizija ma pprova jżomm lil min, illegalment u bil-vjolenza, ipprova jisfratta dimostrazzjoni legali. Ebda pulizija ma arresta lill xi ħadd li kien qiegħed jikser il-liġi in flagranti taħt għajnejhom;

Illi l-istudenti tferrxu, l-biċċa l-kbira lejn Bieb il-Belt. Fi triqithom lura, diversi postijiet xi nies attakkaw xi studenti fit-triq prinċipali tal-Belt Kapitali. Studenti reġgħu ġew imsawta bis-sieq u bil-ponn. Il-Pulizija interveniet biss biex iżżomm l-istudenti attakkati biex ikunu jistgħu jiġu msawtin aktar faċilment;

Illi l-pulizija, flok żammet lill-aggressur, żammet lill-aggrediti;

Illi biswiet triq Żakkarija, żewġ tfajliet, ommhom u missierhom ġew imsawta taħt għajnejn il-pulizija;

Illi studenti oħra mid-dimostranti mifruxin sabu ruħhom f'Misraħ il-Ħelsien; Francis Zammit Dimech talab lill-Pulizija biex ikellmu lill-inkarigat jew lil xi uffiċjal għoli ieħor. Dan il-Pulizija beda jgħajjat ma' l-istudenti, keċċihom barra mill-Belt u ta daqqa ta' ponn lil Francis Zammit Dimech fuq wiċċu. Dan qallhom ukoll li "issa l-permess spiċċa";

Illi dan l-abbandun tal-pulizija tad-dmirijiet tagħhom

jikkkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti protetti mill-artikoli 42 u 43 tal-Kostituzzjoni, in kwantu l-Pulizija, flok ipproteġiet id-dritt ta' l-istudenti li liberament jesprimu l-fehmiet tagħhom u jingħaqdu għall-istess skop, mhux biss ma ppermettietx l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, imma bl-aġir tagħha waqt id-dimostrazzjoni fixklet bl-aktar mod evidenti dawn id-drittijiet;

Illi l-esponenti, jissottomettu illi dan il-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħhom jirriżulta:

1. Mill-fatt li l-Pulizija avżata tliet darbiet biex tipprovdi protezzjoni, ma tat ebda forma ta' protezzjoni effettiva;

2. Mill-fatt li l-pulizija kkollaborat attivament ma' min, kriminalment, sfratta d-dimostrazzjoni u aggredixxa lill-istudenti u;

3. Mill-fatt li sparpaljat id-dimostranti legali flok id-dimostranti illegali u;

4. Mill-fatt li d-delitti saru taħt għajnejha u naqset li tieħu passi biex tressaq quddiem il-Qrati imqar aggressur kriminali wieħed, minkejja anke rapport ta' sfreġju fejn l-aggressur kien identifikat;

Illi l-intimat, flok gwardjan tal-liġi u ta' l-ordni pubbliku kif suppost ikun, sar strument ta' repressjoni politika. Aġir bħal tiegħu jġib il-poplu sfiduċja fil-pulziija, jinkoraġġixxi għall-vjolenza u għall-intimadazzjoni lil dawk il-kriminali li jafu li jistgħu, mingħajr ebda ċensura, jikkalpestaw id-drittijiet li l-Kostituzzjoni tiddikjara sagrosanti u invjolabbili;

L-esponenti umilment talbu li dik il-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 42 u 43 fuq imsemmija fosthom li tiddikjara lill-intimat responsabbli għall-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali ta' l-esponenti, u li tagħti kull rimedju u kumpens ieħor li jidhrilha xieraq;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha ssottometta:

Illi l-ewwelnett huwa jipprotesta enfatikament kontra kliem u paragrafi sħaħ tar-rikors li mhux biss huma estraneji għal sottomissjonijiet ta' natura legali imma huma allegazzjonijiet u frażijiet b'ton ta' polemika politika u bi skop politiku evidenti. Barra minn hekk ir-rikors fih diversi kliem li huma inġurjużi u offensivi mingħajr ma kienu meħtieġa fil-kawża. B'mod partikolari l-esponenti jagħmel referenza għall-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar, u ċjoè li jibda bil-kliem "illi l-intimat, flok gwardjan tal-liġi.....sagrosanti u invjolabbli" u jitlob li dik il-Qorti, in vista tal-premess, tieħu dawk il-miżuri opportuni, li jidhrilha xierqa;

Illi, in linea preliminari, għall-allegazzjoni tar-rikorrenti li saru xi atti illegali kontra tagħhom minn xi terzi persuni l-istess rikorrenti għandhom il-mezzi kollha mogħtija mil-liġi ordinarja biex jiksbu rimedju u għalhekk in vista ta' dak li hemm ipprovdut fil-*proviso* ta' l-artikolu 2 ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni dik il-Qorti għandha dritt li tirrifjuta li tieghu konjizzjoni tar-rikors odjern *stante* li hemm dawk il-mezzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar il-fatti illi dwar il-kredibilità tax-xhieda

l-Qorti kellha timxi bil-kriterji li ġejjin:

1. xiehda pożittiva, ukoll jekk numerikament ftit kellha dejjem tipprevali fuq xiehda negattiva, sakemm ma kienx hemm xi raġuni partikolari, li għaliha tali xiehda kellha tkun skartata. F'inċidenti li ġraw fi ftit sekondi huwa verosimili ħafna li bniedem jara ħaġa u ħaddieħor ħaġ'oħra; li *min ra* xi ħaġa u *min ma ra xejn*. Terġa' f'inċidenti li jiġru waqt il-ġiri tan-nies ukoll jekk *m'humiex folol ta' eluf, min ikun involut f'xi inċident li* esperjenza personalment jiftakar l-inċident u d-dettal tiegħu, li *ħaddieħor għall-bżonn lanqas jittendi bih. U dan partikolarment fejn* f'xi dettal partikolari x-xiehda pożittiva tkun imsaħħa b'xi *dettal li joħroġ minn xiehda oħra negattiva fil-linji ġenerali tagħha*;

2. Ix-xhieda ma tistax tkun skartata sempliċement għax ix-xhud ikollu sentimenti politiċi qawwijin, ikun attiv ħafna *politikament*. Xhud bħal dan jitlob attenzjoni iktar biex ikun aċċettat, iżda fin-nuqqas ta' xi raġuni partikolari serja ma għandux *ikun skartat* għal daqshekk biss;

3. Xhud li jidher li mhux veritjer f'xi dettal li jirriżulta assodat b'xhieda oħra, għandu jkun suspettat bl-ikrah fin-nuqqas ta' xi raġuni partikolari *li turi* li għandu jitwemmen;

Għalkemm normalment huwa desiderabbli, anzi meħtieġ, li l-Qorti tfisser fir-rigward ta' kull xhud kif applikat dawn il-kriterji, il-Qorti trid tkun prattika fi *żminijiet* kontemporanji fejn flimkien ma' dan ir-rikors wirtet mijiet ta' kawżi li kollha jridu jimxu 'l quddiem għall-eżitu finali *tagħhom*. Ma tistax tagħti lill-kawża waħda ż-żmien kollu li għandha a skapitu ta' l-oħrajn kollha. Ċertament il-Qorti mhix f'posizzjoni li *tikteb* volumi biex

tispjega fir-rigward ta' kull xhud liema biċċa tax-xhieda tiegħu hija aċċettat u għaliex. Il-Qorti trid tikkontrolla lilha nfisha kif qatt qabel biex tuża tajjeb il-ħin li għandu għad-disposizzjoni tagħha, u għalhekk, filwaqt li tfisser il-kriterji li addottat tifhem li għandha tieqaf hawn, ħlief għal xi dettal partikolari li jkun jidher xieraq u opportun li jkun imfisser waqt il-konsiderazzjoni tal-linji ġenerali ta' l-inċident, jekk ikun il-każ;

Ikkunsidrat illi l-fatti li taw lok għal dan ir-rikors kienu dawn: L-istudenti ta' l-Università organizzaw dimostrazzjoni fil-Belt fl-okkażjoni ta' dak li sejħu Jum l-Istudent u biex ifissru li ma kinux jaqblu ma' l-iskema ġdida ta' Apprentista Skular. Ippruvaw jagħmluha nhar il-5 ta' Ottubru, 1979, fil-5.00 p.m. Billi r-rikorrent bħala President tal-Kunsill ta' l-Istudenti kien irċieva telefonati anonimi li jekk issir id-dimostrazzjoni, l-istudenti kienu sejrin jiddubbaw xebgħa sew, il-Kunsill ta' l-Istudenti talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu l-miżuri kollha possibbli biex jagħti protezzjoni lid-dimostranti. Xi studenti, bejn mill-Università bejn minn skejjel sekondarji, partikolarment is-***sixth forms,*** b'kollox l-inqas mija u l-iktar tliet mija, iltaqgħu ħdejn Bieb il-Belt. L-istudenti għamlu li setgħu biex ma jipprovokaw lil ħadd, tant li dawru d-dimostrazzjoni f'***Silent March*** li kellu jibda minn Bieb il-Belt, jinżel Triq ir-Repubblika; jgħaddi għal Triq l-Arċisqof, idur għal Triq il-Merkanti u jispiċċa Kastilja għalkemm fil-fatt il-Pulizija kellhom il-ħsieb li jdawru l-***March*** fi Triq Melita minn Triq il-Merkanti biex jevitaw xi nkwiet li seta' jinqala' fuq Kastilja. Fil-fatt m'hemmx dubju illi s-***Silent March*** li beda f'Bieb il-Belt kien silenzjuż, kważi funebri, sakemm iltaqa' ma' l-għawġ li ser jissemma u dan avvolja l-parteċipanti kienu qegħdin iġorru xi *placards* u *streamers;*

Is-***Silent March*** kellu din il-forma fil-fatt: quddiem nett u maqtugħin sew minn kulħadd kien hemm is-Superintendenti Vella u Bonello; imbagħad ġew l-istudenti, fillieri, fillieri fil-medda tat-triq, fil-ġnub tal-lemin u tax-xellug kien hemm ringiela x'aktarx spazjata ta' Pulizija; wara l-grupp kollu ta' l-istudenti kien hemm żewġ *vans* tal-Pulizija taħt il-kontroll ta' Spettur li kien fihom bejniethom bejn ħmistax u wieħed u għoxrin Pulizija. Kien miftiehem li l-Marċ ma kellu jieqaf imkien u partikolarment ma kellux jieqaf quddiem il-*Malta Labour Party club* ta' ħdejn il-*Coliseum; iżda ġara li malli qorob hemmhemm minn dawk* l-inħawi niżlet xita ta' bajd u biċċiet ta' l-injam, xi rġiel, madwar għoxrin, li kienu fil-viċinanza intefgħu fuq l-ewwel ringiela ta' l-istudenti mexjin, ħatfu l-*placards* u l-*istreamers* u fi kwistjoni ta' sekondi, defnittivament mhux minuti, ħarbtu l-marċ u kulħadd sab ruħu sparpaljat b'ġiri kbir lura lejn *Triq Brittanika* (illum Melita) u Bieb il-Belt;

Waqt din il-ġirja lura ta' sekondi, il-Qorti hija sodisfatta illi ġraw diversi inċidenti li ma kienx messhom saru, għax jiksru l-liġijiet tal-pajjiż; xi persuni fit-triq issawtu minn Pulizija; ġuvni sab ruħu fl-art u xi Pulizija tawh bis-sieq; xi pulizija oħra ftaħru li huma ta' l-istess sentiment politiku li kontra tiegħu s-***Silent March*** kien għaddej; wieħed mid-dimostranti miżmum bejn żewġ pulizija, kien imsawwat minn xi wħud mill-irġiel li mill-viċinanzi tal-*Malta Labour Party Club* kienu qabżu għal fuq il-Marċ u l-Pulizija filwaqt li baqgħu jżommu lil dan id-dimostrant, ma għamlu assolutament xejn biex iwaqqfu dak is-swat. Jidher li l-Pulizija għamlu li setgħu biex jipperswadu d-dimostranti joħorġu mill-Belt, iżda kurjożament jidher ċar li ma waqqfux lil dawk li riedu jisfrattaw id-dimostrazzjoni, anzi kien hemm inċident wieħed almenu fejn infetħu biex l-attakkanti jgħaddu għal fuq id-dimostranti! Ġrat ukoll ħaġa li għandha tkun

innotata u mfaħħra: id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Mifsud Tommasi li kien *"in charge"* tas-sitwazzjoni u li kien fuq wara nett, ġera ġirja għal quddiem nett; qabad lil wieħed minn dawk li qabżu għal fuq il-marċ li kellu katina tal-*aluminium* f'idejh, żammu u kkonsenjah f'idejn żewġ kuntistabbli bl-ordni li jieħduh l-għassa tal-Belt, iżda kurjożament dan l-individwu qatt ma ttieħed l-għassa tal-Belt u ntilef fl-anonimità tal-baħħ! għax id-Deputat Kummissarju ma kienx jafu, lanqas ma ftakar min kienu ż-żewġ pulizjotti li ħaduh magħhom u għalhekk il-Kummissarju ma setax jimxi kontrihom għall-ksur tad-dixxiplina tas-servizz;

Wara din il-ħarba lura jidher li l-istudenti ppruva jerġgħuu jaggruppaw bit-tama li jagħmlu ***s-Silent March*** kif kienu fassluh, iżda l-Pulizija kkonsiljawhom kemm felħu biex joħorġu mill-Belt; ir-rikorrent baqa' jitlob li jkellem lill-Kummissarju jew lill-persuna li kienet *in charge* tal-Pulizija fuq il-post għax l-istudenti mill-ewwel insistew illi l-Pulizija messhom tawhom il-protezzjoni mitluba u mhux jagħtu l-għala lil min ried jisfrattahom; xi pulizija newwel daqqa ta' ponn f'wiċċ ir-rikorrent u l-istudenti ħarġu bil-kwiet barra l-Belt u marru għal triqithom;

Waqt dawn l-inċidenti kollha l-Pulizija kellha gruppi ta' Pulizija f'diversi lokalitajiet fil-Belt biex f'każ ta' bżonn ikunu jistgħu jgħinu; ħdejn il-Vitorja, ħdejn il-posta u fuq San Ġwann; il-Kummissarju tal-Pulizija tfaċċa wkoll u mill-ewwel issuġġerixxa lill-pulizija biex imexxu n-nies barra l-Belt biex jevita nkwiet ikbar;

Ikkunsidrat illi fis-sistema politiku Malti li writna direttament mir-Renju Unit, u mill-ebda pajjiż ieħor fl-Ewropa (Cassar Desain *vs* Porbes, Appell, 1935 – hemm tliet tipi ta' responsabbilità: dik politika, dik amministrattiva u l-oħra legali;

ir-responsabbilità politika hi dik tal-Ministru li hu responsabbli finalment, taħt il-Kontroll tal-Kabinett, għall-politiku u l-amministrazzjoni tad-dipartiment li jaqa' fil-mansjonijiet tiegħu; ir-responsabbilità amministrattiva hi dik tal-Kap tad-Dipartiment li hu responsabbli għall-aħjar amministrazzjoni tad-Dipartiment tiegħu taħt il-Kontroll l-ewwel tal-Ministru u fl-aħħarnett tal-Kabinett. Dawn iż-żewġ responsabbilitajiet jeżistu fl-interess ta' l-effiċjenza amministrattiva, u għalkemm fit-teorija l-għażla bejniethom tista' tkun diffiċli, fil-prattika kemm Ingliża kemm Maltija, l-għażla tinstab peress li *s-sing* jinqata' ***"where the Minister chooses to draw the line"***, billi huwa jrid jagħti rendikont lill-Parlament u fl-aħħar lill-poplu li hu s-sovran. Ir-responsabbilità l-oħra, dik legali, ma tinkludix iż-żewġ responsabbilitajiet l-oħra; hija maqtugħa u magħżula minnhom u hija dejjem individwali u personali ħlief fejn il-liġi espressament tgħid u tagħmel mod ieħor. Minn dan isegwi ċar daqs il-kristall li biex l-intimat jinstab responsabbli legalment (mill-Qorti) ta' xi ħaġa jrid ikun responsabbli għaliha personalment hu, u billi l-inċidenti ġraw f'sekondi, kif xehed id-Deputat Kummissarju "ma kienx hemm żmien li jingħataw direttivi", ta' dak li għamel hu;

Jibqa' l-fatt kruċjali li d-dimostrazzjoni falliet u falliet għax il-Pulizija ma tatx protezzjoni biżżejjed kontra dawk li riedu jisfrattawha. Għal dan il-falliment huwa responsabbli personalment l-intimat? Il-lanzjanza prinċipali tar-rikorrenti fit-trattazzjoni kienet li ma kien hemm pulizija biżżejjed u li ma kienx hemm Pulizija quddiem dawk li kienu qed jimmarċjaw. Issa huwa rinomat li t-tattika ta' kwalsiasi battalja trid titħalla f'idejn il-Ġeneral li jmexxiha li lanqas ma jkun responsabbli fid-dettal lejn il-politiċi li jkunu għażluh u lanqas lejn il-Qrati ħlief fejn ikun jidher manifest li jkun mar kontra r-reati l-iktar serji

magħrufa mill-Kodiċi Kriminali u fi Dritt Naturali. Għalkemm il-Qorti ma għandhiex tissindika t-tattika, il-Qorti tifhem li għandha tfisser li mix-xiehda jirriżulta li l-Kummissarju ma naqasx fil-preparazzjonijiet għall-kontroll tad-dimostrazzjoni. Kwantità ta' Pulizija fil-Belt jidher li kien hemm, biss ma kienx hemm żmien biex dawn jiġu riorganizzati jew raggruppati skond il-ħtieġa – għax ma kienx hemm żmien biex jingħataw direttivi, għalkemm qabel ma beda s-***Silent March*** id-Deputat Kummissarju kien informat mir-rikorrent li ħdejn il-*Malta Labour Party Club* kien hemm ġemgħa ta' nies issuspettata (għalkemm il-Qorti għandha tirrileva wkoll li kemm in-nies huma jew m'humiex issuspettati ma jistax ma jkunx apprezzament soġġettiv ħafna) u li barra minn dan, ***"everybody is wise after the event"***. Kinitx ħaġa sew li r-ras tas-*Silent March* tkun magħmula mill-korp studentesk bl-***istreamers*** u l-***placards*** tagħhom flok minn Pulizija hija materja ta' apprezzament tat-tattika li użat u mhux sintomi ta' xi nuqqas ta' l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ukoll b'ġenerali tajbin xi battalji jintilfu; għalkemm id-dinja għandha ħabta taqbad tgħajjat li *l-ġenerali huma tajbin meta l-battalji jintrebħu*. Jirriżulta wkoll li kemm il-Kummissarju kemm id-Deputat Kummissarju kienu ġol-Belt biex jissorveljaw dak li kien qed isir, u l-Qorti diġà fissret is-sehem immedjat u opportun li d-Deputat Kummissarju li kien proprju ***"on the scene"*** ta mill-ewwel u b'inizjattiva kuraġġuża;

B'danakollu jidher ċar li xi membri tal-forzi polizjeska, xi wħud identifikati tajjeb mill-provi, mill-ewwel, malli qam l-inkwiet, identifikaw ruħhom ma' dawk li riedu jisfrattaw lid-dimostranti, kif il-Qorti diġà fissret fil-kunsiderazzjoni tal-fatti. Mhux talli identifikaw ruħhom bil-kliem biss li tammonta għal offiża dixxiplinari żgur, iżda għaddew għal fatti wkoll kif l-

esposizzjoni tal-fatti wriet u dan kontra kull tradizzjoni tas-servizz tal-Pulizija f'pajjiża fejn sa mit-tfulija l-poplu mdorri jħares lejn il-Pulizija bħala l-ewwel linja ta' difiża taċ-ċittadin tajjeb. Dawk li għamlu dawk il-fatti ċertament naqsu u abbużaw serjament, iżda l-Qorti għandha toqgħod għall-parametri tar-rikors li hu rikors kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u mhux kontra Pulizija individwali oħra, u mill-proċess ma tirriżulta l-ebda xiehda, imqar indikazzjoni, li l-Kummissarju tal-Pulizija kien jaħti personalment għal dak li sar. F'materja gravi bħal din, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq xi suspetti jew insinwazzjonijiet, iżda *fuq* il-provi u provi ċertament ma hawnx. Il-massima vitali dejjem kienet u għadha *"Quod non est in actis, non est in mundo"* (*dak li mhux fil-proċess ma jeżistix*);

Ikkunsidrat iktar illi d-dottrina ta' ***"respondeat suiperior"***, iwieġeb ukoll ta' fuq għad-danni li jikkaġuna ta' taħt, iwieġeb ukoll min iħaddem għad-danni kkaġunati mill-ħaddiema tiegħu fil-kors tax-xogħol ordnat minnu – il-*common law* Ingliża fil-materja, – ma tapplikax fostna, billi dejjem bqajna marbutin mal-prinċipji kontinentali fil-Kodiċijiet li minnhom ħadna l-liġi tagħna, partikolarment l-artikoli 1074, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" u 1080. Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi", u dan apparti l-problema magħruf aħajr fostna li fid-danni bħala linja ġenerali, il-liġi tagħna tikkontempla biss danni reali, iżda le danni morali;

Ikkunsidrat ukoll li ħlief fejn hemm espressament ikkontemplat fil-Kostituzzjoni, rikors kostituzzjonali,

sempliċement għax hu kostituzzjonali, ma jagħti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti, li twarrab mill-prinċipji fundamentali tal-liġi tagħna. Filwaqt li trid tinterpretaha, il-Qorti mhix qiegħda fuq il-Kostituzzjoni jew il-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Jannar 1987 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talbu li, prevja r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat, tirrevokaha u/jew tannulla s-sentenza appellata tas-7 ta' Jannar 1987 billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fis-27 ta' Jannar 1987;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti, wara li elenkat il-fatti li rriżultaw mill-provi, ġiet għall-konklużjoni li d-dimostrazzjoni falliet għax il-Pulizija ma tatx protezzjoni biżżejjed lid-dimostranti kontra dawk li riedu jisfrattawha iżda għal dan il-falliment ma kienx responsabbli personalment l-intimat li lanqas seta' jiġi tenut responsabbli taħt id-dottrina "*respondeat superior*". Ir-rikorrenti issa qed jappellaw minn din id-deċiżjoni;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad mill-ewwel illi l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi fil-proċess, taqbel ma' l-elenku tal-fatti

magħmul mill-ewwel Qorti u għalhekk m'huwiex il-każ li terġa' tirrepetihom; iżda tħoss li għandha żżid u/jew tenfasizza ċerti ċirkostanzi oħra li wkoll irriżultaw mill-provi;

Fost dawn hemm iċ-ċirkostanza li qabel id-dimostrazzjoni ossija *"silent march"* ta' l-istudenti, l-intimat kien ġie avżat mir-rikorrenti iktar minn darba, anke bil-miktub dwar it-theddid li kienu qegħdin jirċievu, u kien mitlub *"to take such additional precautionary measures especially in sensitive areas in Valletta to ensure that a legal demonstration will not be hindered in any way or intimidated but given full protection as required by the law"*. Din iċ-ċirkostanza jaċċettaha l-intimat meta xehed: "Kont irċevejt ittri mingħand dawk li kienu se jagħmlu d-dimostrazzjoni fis-sens li kienu qegħdin jirċievu xi theddid";

Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li fis-*"sensitive area"* li minnha kien se jgħaddi l-marċ, u ċjoè fi Triq ir-Repubblika ħdejn il-*Malta Labour Party Club* ma kinux ġew stazzjonati Pulizija li minflok ġew stazzjonati ħdejn San Ġwann u għalhekk f'ċerta distanza minn din is-*"sensitive area"*. Għalhekk fis-*sensitive area* ma kienx hemm Pulizija li setgħu jikkontrollaw fil-każ li jqum it-*"trouble"*;

Ċirkostanza oħra li laqtet lill-Qorti hija li quddiem il-marċ ta' l-istudenti ma kienx hemm Pulizija biżżejjed biex jipproteġu lid-dimostranti. Il-provi juru li kien hemm Superintendet u Spettur quddiem il-marċ, xi Pulizija mixjin ma' kull ġenb tal-marċ u mbagħad il-biċċa kbira tal-Pulizija f'żewġ *vans* wara l-istudenti;

Ikkunsidrat:

Ir-responsabbilità ta' l-intimat toħroġ mill-Ordinanza Numru II ta' l-1961, ċjoè l-Ordinanza biex tirregola l-organizzazzjoni, id-dixxiplina u d-dmirijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. L-artikolu 6 jiddisponi li "Il-Kummissarju għandu *jkollu l-kmand, direzzjoni u sorveljanza tal-Korp*" u *dana* wara li jgħid l-artikolu 4 illi "l-Korp għandu jiġi użat għat-tiżmim tas-sigurtà u l-boni ordni intern, għat-tħaris tal-paċi, għall-protezzjoni tal-ħajja u tal-proprjetà, għall-protezzjoni u kxif ta' reati u għat-twettiq tal-liġijiet kollha li huma għak-kariku tal-Korp";

Fost dawn il-liġijiet wieħed jista' jsemmi l-Kodiċi Krminali u b'mod partikolari l-artikolu 346(1) li jiddisponi li huwa dmir tal-Pulizija Esekuttiva li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li *ma tħallix isiru reati*, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi u li ġġib il-ħatjin, sew l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja";

Isegwi għalhekk li l-Kummissarju qiegħed jiġi mogħti b'liġi l-kmand, direzzjoni u sorveljanza tal-Korp appuntu sabiex jieħu ħsieb li l-istess Korp jiġi użat għat-tiżmim tas-sigurtà u l-bon ordni intern, għat-tħaris tal-paċi, għall-protezzjoni tal-ħajja u tal-proprjetà, għall-prevenzjoni u kxif ta' reati u għat-twettiq tal-liġijiet kollha li huma għak-kariku tal-Korp. Bil-Kostituzzjoni ta' Malta qegħdin *inter alia* jiġu salvagwardati d-dritt ta' espressjoni u d-dritt ta' għaqda u assoċjazzjoni u għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandu, fost il-funzjonijiet tiegħu, l-obbligu li jieħu ħsieb li l-Korp iżomm is-sigurtà u l-bon ordni, li jħares il-paċi, li jipproteġi l-ħajja u l-proprjetà b'mod li jistgħu jiġu eżerċitati skond il-Kostituzzjoni d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija;

Il-Qorti tosserva wkoll li l-Kummissarju bl-artikolu 6 fuq iċċitat għandu jkollu mhux biss il-kmand u d-direzzjoni tal-Korp iżda anke s-sorveljanza tiegħu. Din hija distinzjoni ta' l-akbar importanza li toħroġ mill-istess liġi u li turi li l-liġi ma kinitx sodisfatta li l-Kummissarju jkollu biss il-kmand u d-direzzjoni tal-Korp iżda riedet ukoll li jkollu s-sorveljanza tiegħu. Jiġifieri l-liġi riedet li filwaqt li tagħti lill-Kummissarju d-dritt li jikkmanda u jidderiġi, timponi wkoll fuqu l-obbligu li jissorvelja l-Korp;

Għandu jingħad f'dan ir-rigward li fit-*test* Ingliż tal-liġi l-*kelma korrispondenti* tal-kelma "sorveljanza" fit-*test* Malti hija l-kelma "*superintendence*", kelma dina li ċertament tfisser iżjed minn "*direction*" tant li, per eżempju, f'*Collin's Home Dictionary* il-kelma "*superintendence*" hija *mfissra* bħala "personal (kelma sottolineata tal-Qorti) *supervision and direction*" u fil-*Chambers Twentieth Century Dictionary* il-*kelma* "*superintend*" tfisser "*to have the oversight or charge of; to control, manage, to exercise supervision*" u l-kelma "*superintendence*" tfisser *inter alia* "*oversight*";

Issa mid-deposizzjoni ta' l-istess Kummissarju ta' allura jirriżulta li meta huwa ġie avżat bit-theddid, kif fuq ingħad, huwa kien ikkuntattja lill-uffiċjal li dik il-ħabta kien "*in charge* tar-*reinforcements*" u qallu, fil-kliem ta' l-istess intimat: "biex jagħmel *reinforcements* sija qabel id-dimostrazzjoni, sija wara, ċjoè fil-parti ta' quddiem u fil-parti ta' wara sabiex ma jkunx hemm *clashes*" (u iktar tard taħt kontroeżami (fol. 294): "li jieħu *ħsieb li jkun* hemm in-nies tagħna sija quddiem u sija wara d-dimostrazzjoni u jagħmel dak kollu li kien hemm bżonn biex jagħti l-protezzjoni meħtieġa". Kompla jgħid l-istess *Kummissarju* ta' allura (fol. 294): "u naturalment ħallejt f'idejn il-bniedem li kien dettaljat għal dan ix-xogħol. Jien ma mortx

nivverifika jien stess x'sar għax allaħares kc... ıagħmel hekk u lanqas *noqgħod fuq in-nies tiegħi*";

Jirriżulta wkoll mid-deposizzjoni ta' l-istess Kummissarju: "Jiena dak in-nhar kont id-Depot u meta smajt li kien inqala' xi nkwiet dħalt niġri l-Belt u mort Kastilja" u iktar tard fl-istess deposizzjoni tiegħu qal: "Mistoqsi minn Dr. Quintano jekk jiena l-istudenti rajthomx ħdejn il-funtana, nirrisponi li ma rajthomx; jiena wasalt biss sa ħdejn il-knisja tal-Vitorja; ma nżiltx iktar *'l isfel u studenti jiena ma rajtx*";

Ikkunsidrat:

Jidher ċar għalhekk li anke kieku l-Qorti kellha taċċetta d-deposizzjoni tal-persuna li kien Kummissarju għall-ħabta ta' l-inċident *de quo*, dan naqas milli jissorvelja l-Pulizija dik in-nhar tad-dimostrazzjoni. Għalkemm kellu pre-avviż għal aktar minn darba, sa anke bil-miktub, dwar *it-theddid li kien hemm, huwa* baqa' d-Depot u kkunsidra li kien biżżejjed li jagħti direttivi dwar x'kellu jsir u joqgħod fuq in-nies tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti l-eżistenza ta' l-imsemmi theddid kien jagħmilha impellenti għalih li jkun "*in situ*" waqt id-dimostrazzjoni sabiex ikun jista' jaqdi l-obbligu ta' sorveljanza impost fuqu b'liġi. Kieku eżerċita din is-sorveljanza, kien jinduna li ma kienx qiegħed jiġi segwit l-ordni li hu jgħid li ta li r-"*reinforcements*" jitqiegħdu wkoll quddiem id-dimostrazzjoni. Kien jinduna li kien neċessarju li jitqiegħdu l-Pulizija ħdejn is-"*sensitive area*" fuq imsemmija sabiex jiġu kkontrollati dawk il-persuni (li fil-fatt irriżulta kienu ftit) li setgħu jipprovaw jattakkaw u jfixklu d-dimostrazzjoni ossija "*silent march*" ta' l-istudenti;

Ir-responsabbilità ta' l-intimat toħroġ minn dan in-nuqqas

tiegħu ta' osservanza ta' l-obbligu tas-sorveljanza impost fuqu b'liġi. Kien funzjoni ta' l-uffiċċju tiegħu (kif *del resto* għadu llum) mhux biss li jikkmanda u jidderieġi imma wkoll li jissorvelja u huwa inkonċepibbli li persuna mogħtija wkoll funzjoni li tissorvelja sabiex tiżgura li l-Korp jiġi użat, fil-kliem tal-liġi, għat-tiżmim tas-sigurtà u l-bon ordni intern, għat-tħaris tal-paċi, għall-protezzjoni tal-ħajja u tal-proprjetà, għall-prevenzjoni u kxif ta' reati u għat-twettiq tal-liġijiet kollha li huma għak-kariku tal-Korp, tkun tista' tgħid li qdiet din il-funzjoni tagħha billi tagħti ordnijiet lil ħaddieħor u tħalli din is-sorveljanza f'idejn dan il-ħaddieħor. L-obbligu tas-sorveljanza jifforma b'liġi parti mill-funzjonijiet ta' l-uffiċċju ta' Kummissarju u għandu għalhekk jiġi osservat – iktar u iktar meta bħal fil-każ preżenti l-intimat ikun irċieva preavviż tat-theddid li kien hemm. Min ikun qiegħed jeżerċita d-dritt tiegħu ta' espressjoni u/jew ta' għaqda u assoċjazzjoni salvagwardat lilu bil-Kostituzzjoni għandu d-dritt jistenna li jkun hemm dik is-sorveljanza;

Kieku l-Kummissarju osserva l-obbligu tiegħu fuq imsemmi ta' sorveljanza, fil-fehma tal-Qorti, kien ikun f'posizzjoni li jieħu l-passi opportuni billi kellu a disposizzjoni tiegħu pulizija biżżejjed biex ikun jista' jikkontrolla dawk il-ftit persuni li attakkaw id-dimostrazzjoni u għalhekk kien ikun f'posizzjoni li jassikura (kif kien dover tiegħu li jassikura) li r-rikorrenti jgawdu dak id-dritt ta' espressjoni u ta' għaqda u assoċjazzjoni li huma intitolati għalihom skond il-Kostituzzjoni;

In vista tal-konklużjoni fuq raġġunta mill-Qorti hija ma tarax il-ħtieġa li tidħol f'aspetti oħra tal-kwistjoni li semmew il-partijiet u li semmiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell,

tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeċidi l-kawża fis-sens li tiddikjara lill-intimat responsabbli għall-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti u ċjoè tad-dritt ta' espressjoni protett mill-artikolu 41 (ġà l-artikolu 42) tal-Kostituzzjoni u tad-dritt ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika protett-mill-artikolu 42 (ġà l-artikolu 43) ta' l-istess Kostituzzjoni. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu ssopportati mill-intimat.